MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Mandat Numru. 175/2013/1

**Gwendolen Kucukkaya**

**vs**

**Selcuk Kucukkaya**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Gwendolen Kucukkaya datata l-24 ta' Lulju 2013.

Rat id-digriet tal-24 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Awwissu 2013, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Selcuk Kucukkaya datata 19 ta' Settembru 2013.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta' Awwissu 2013 u tas-26 ta' Settembru 2013 fejn fl-ahhar seduta deher Dr. Ray Zammit ghall-intimat li ddikjara li m' ghandu xejn xi jzid mar-risposta li pprezenta. Il-rikors gie pospost. Meta rega' issejjah ir-rikors dehret Dr. Abigail Critien ghar-rikorrenti li hadet konjizzjoni tar-risposta tal-intimat. Xehdet bil-gurament Gwendolen Kucukkaya.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi rrizultalha li l-vettura in kwistjoni tappartjeni lill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-konjugi.

Tikkonsidra li r-rikorrenti tista' tkun pregudikata jekk it-talba taghha ma tigix akkolta, ghaldaqstant il-Qorti jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni u ghalhekk tilqa' t-talba kif dedotta u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni skont ir-rikors premess definittivament.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-intimat.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------